A.L. 25 ta' l-1985

ATT TA' L-1975 DWAR L-UFFIĊĊJU TAL-POSTA (ATT NRU. XXXV TA' L-1975)

Regolamenti ta' l-1985 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet Filateliċi għall-Provvista ta' Bolli u 'Stationery' Postali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17 ta' l-Att ta' l-1975 dwar l-Uffiċċju tal-Posta, il-Ministru tal-Kummerċ u Ippjanar Ekonomiku, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu filqosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1985 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet Filateliċi għall-Provvista ta' Bolli u *Stationery* Postali, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1978 dwar Drittijiet Filateliċi għall-Provvista ta' Bolli u *Stationery* Postali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 119 ta' l-1978

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fit-tlieta ta' Ottubru, 1985.

Jissostitwixxi regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiddaħol dan li ġej:

"2. Għandhom jinġabru mill-*Postmaster General*, għall-provvista ta' bolli u *stationery* postali mill-*bureau* filateliku tad-Dipartiment tal-Posta, id-drittijiet li ġejjin:—

(a) għal kull ordni għat-twaħħil ta' bolli fuq xi invilopp, kartolina, ajrugramma jew xi ħaġa oħra ta' *stationery* postali:

(i) meta n-numru jkun inqas minn 500 ... 5 ċenteżmi kull invilopp, eċċ;

(ii) meta n-numru jkun 500 jew iżjed ... 4 ċenteżmi kull invilopp, eċċ;

(b) għal kull ordni għall-provvista ta' bolli mhux użati u/jew kanċellati u ta' *stationery* postali, iżda barra minn *stationery* postali bil-bolli mwaħħlin fuqha:

(i) meta l-valur ta' l-ordni ma jkunx iżjed minn Lm5 ... ... 25c kull ordni;

(ii) meta l-valur ta' l-ordni jkun iżjed minn Lm5 iżda mhux iżjed minn Lm20 ... ... 35c kull ordni;

(iii) meta l-valur ta' l-ordni jkun iżjed minn Lm20 iżda mhux iżjed minn Lm100 ... ... 50c kull ordni;

(iv) meta l-valur ta' l-ordni jkun iżjed minn Lm100 iżda mhux iżjed minn Lm500 ... ... Lm1 kull ordni;

(v) meta l-valur ta' l-ordni jkun iżjed minn Lm500 ... ... Lm5 kull ordni".